**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 87 - IT-TLIETA 11 TA' ĠUNJU 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Clinton Sammut | Viċi-Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier (wasal fis-17:45) |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kinsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| Uffiċċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Louise Mallia (ħadet il-minuti) | Uffiċċjal Eżekuttiv |

Is-SE informa li minħabba problemi tekniċi li nqalgħu fl-aħħar ħin, il-laqgħa ma kinetx se tiġi trasmessa *live.*

## 1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti.

1.2. Il-Kunsillier Spiteri talab emenda ta' punt 2.3 biex taqra : il-Kunsillier Spiteri staqsa dwar para 9.1 dwar ir-railing il-ġdid. Is-SE informa li x-xogħol kien jinkludi t-tibdil tal-bankina u l-bażi tagħha inkluż iċ-ċinta tal-konkos.

1.3. Il-kunsillier Brincat staqsa dwar punt 3.7.1. Is-SE infurmaħ li ntbagħtet ittra skont il-linji li kienu maqbula.

1.4. Il-Kunsillier Gatt staqsa għal kjarifika dwar il-ħinijiet tal-permessi, jekk hix kwistjoni ta' *policy* tal-kunsill.

1.5. Il-minuti kienu approvati *nem con* wara proposta mill-Kunsillier Galea issekondata mill-Kunsillier Sciberras.

1.6. Saru is-17:45 u f'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Agius

## 2. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

2.1. Is-Sindku semmiet li kienet waslet e-mail, CIR AKL/2018/104 dwar applikazzjoni biex il-kunsill jitniżżel fil-lista biex jipparteċipa f'attivitajiet ta' Għoti ta' Demm.

**3. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

3.1. Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

**4. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI**

4.1. Is-SE ippreżenta ir-rapporti finanzjarji.

4.2. Il-Kunsill approva (*nem con*) il-lista ta' pagamenti kif annessa f'A, kif ukoll ir-rendikonti tad-dħul u ordnijiet u l-infiq mill-*Petty Cash*. Dawn huma annessi f'B, Ċ u D rispettivament wara proposta mill-Kunsillier Galea, issekondata mill-Kunsillier Sciberras.

4.3. Il-Kunsill approva l-infiq neċessarju marbut mal-preparazzjoni għall-ewwel laqgħa tal-Kunsill tat-8 leġislatura. Dawn jinkludu *live streaming* effiċjenti, inviti lil ex-Kunsilliera; lil kandidati li ħarġu għall-aħħar elezzjoni; l-għaqdiet; l-Arċipriet; il-Pulizija; il-LESA; membri tal-Kumitat Amministrattiv ta' Baħar iċ-Ċagħaq.

**5. RISPOSTA GĦALL-MANAGEMENT LETTER**

5.1. Is-SE ippreżenta abbozz tar-risposta għall-*management letter*. Huwa informa lill-Kunsill li sfortunatament għal darb'oħra naqsu li jibagħtu abbozz tal-*Management letter* qabel ma bagħtu il-verżjoni finali u li din tmur kontra il-prattiċi li għandhom jużaw l-awdituri. Dan għaliex setgħu ġew evitati kummenti dwar allegat nuqqasijiet li ma kienux jirriflettu s-sitwazzjoni reali. Din kienet approvata *nem con.*

**6. KONFERENZA NAZZJONALI DWAR ID-DROGA**

6.1. Is-Sindku infurmat li l-konferenza annwali b'kollaborazzjoni mal-OASI, din id-darba se ssir fit-18 ta' Ġunju ġewwa Villa Arrigo fid-9:00 u li għaliha se jattendi l-ET il-President ta' Malta li se jagħlaq il-konferenza. Kif isir is-soltu, il-Kunsill se jikkontribwixxi għall-ispejjeż tal-konferenza.

**7. TMIEM IL-LAQGĦA**

7.1. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-18:25

**DAWN IL-MINUTI KIENU APPROVATI WAQT LAQGĦA SPEĊIFIKAMENT GĦAL DAN IL-GĦAN NHAR IT-TLIETA 11 TA' ĠUNJU 2019 FIS-19:00 FIL-PREŻENZA TAS-SINDKU, IL-VIĊI SINDKU U L-KUNSILLIERI GATT, AGIUS, CUOMO, BRINCAT U SPITERI.**

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |